MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 177/2009

Kawza fil-lista: 48

***P X***
**vs**
***C X***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Marzu 1980; li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghaldaqstant qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut iddikjara li ma jopponix ghat-talbiet ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l- affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens liz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Marzu 1980 huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut ma jopponix.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Marzu 1980, wara li kien ilhom jafu lil xulxin circa sena, u meta l-attrici kellha tlett xhur tqala.

L-attrici tispjega li matul l-imsemmi perijodu ta' sena, il-konvenut kien ihassar tas-spiss ir-relazzjoni ta' bejniethom peress li ried li jkollu x' jaqsam maghha, izda dina tant kienet tibza' mill-genituri taghha li ma kienitx taccetta. Eventwalment kienet accettat, bir-rizultat li harget tqila.

Tghid: "Imbaghad izzewwigna ghax konna sfurzati minn tal-familja … ghaggluna biex nizzewwgu ghax hekk kienet it-trend f'dak iz-zmien". Tirrakkonta kemm haditha bi kbira ommha, minhabba l-girien. Ghalhekk iz-zwieg sar ta' malajr.

Wara li zzewwgu, u twielet it-tifel, l-attrici rrealizzat li l-konvenut ma kienx lest li jerfa' r-responsabbilita' tal-familja li allura kienet waqghet fuqha. Huwa ma kienx kapaci jzomm impjieg, ghax kien jiehu hafna *sick leave*, u ma kienx ikollu aptit imur ghax-xoghol. Ma kienx jirsisti ghall-familja.

Rizultat ta' dan, kellha tohrog tahdem hi, u "kien hemm perijodu twal matul il-hajja mizzewwga li fiha kont nidhol

Iura mix-xoghol anke fit-tlieta ta' filghodu." B'zewg t'itfal, il-piz finanzjarju zdied, u ghalhekk hi kellha terga' tohrog tahdem meta t-tifla kellha biss sena. Tghid li "*C* minn dejjem kien, u ghadu sallum bniedem illi ma jaghtix kaz." Kien ihobb jonfoq hafna flus fuq affarijiet li ma kienux bzonnjuzi, izda kien jixtri bl-impuls. "Qatt ma kien jibza' ghal flus u jberbaq minghajr kont jew razan."

Il-konvenut minn naha tieghu jammetti li hu qatt ma kellu l-hsieb jizzewweg. Jghid li l-attrici kienet taf li hu ma kellux l-hsieb li jizzewweg, u kien biss minhabba t-tqala li accetta li jizzewweg, partikolarment biex jikkontenta lill-genituri ta' l-attrici.

Jammetti wkoll li l-attrici, meta kienet gharusa, kienet harget tqila tort tieghu ghax ma kienx qaghad attent. Jghid ukoll li omm-l attrici kienet haditha bi kbira hafna, u kien hemm pressjoni fuq l-attrici minn naha taghha biex din tizzewweg. Jichad pero' li ma kienx jahdem, u jghid li kellu mpieg mal-Air Malta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-partijiet dahhlu f' dan iz-zwieg minghajr preparazzjoni ta' xejn, kienu f' certu sens sfurzati ghal dan l-istat, bir-rizultat li wara z-zwieg irriskontraw diversi problem. Huma jghidu li damu certu tul fil-konvivenza, minhabba t-tfal, u l-attrici tghid li malli dawn kibru hija bdiet is-separazzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Marzu 1980.

Spejjez bejn iz-zewg partijiet, fi kwoti ta' zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------